MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 47/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Gatt Developments Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm113.32) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) fi Triq Merkanti, Xewkija, Ghawdex, skond ma jidher mid-dokumenti hawn annessi u immarkati bhala "Dok A" sa "Dok C".

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Jannar 2004, ta’ l-ittra legali mibghuta f’Jannar 2003, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta:

“It-talbiet attrici huma nfondati fill-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta’ konvenuta ma ghamlet ebda hsarat fl-imsemmija triq u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.”

Ra li s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz fit-22 ta’ Mejju 2004;

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-lum;

Billi ghalkemm notifikata regolarment l-ebda rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ma deher u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m’huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ LM113.32 ammont ta’ hsarat ikkagunati minnha fil-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici fit-8 t’April 2002 fi Triq Merkanti, Xewkija, Ghawdex bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta f’Jannar 2003, tal-ittra ufficcjali ta’ Jannar 2004 bil-Vat fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali fuq imsemmija sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------